# NIES BLA SABAR

Is-sur Anġ kien ilu s-snin iżomm il-kotba fil-maħżen tal-aħwa "Kalamanos", Griegi, li kienu jġibu ġid id-dinja mill-ibliet tal-Lvant. Is-sur Anġ kellu qatgħa fejn jikteb, f'rokna tal-maħżen; sieket il-ħin kollu bil-pinna fuq widintu l-lemanija, iqalleb il-karti, jagħlaq u jiftaħ kotba kbar u jikteb u jgħodd. Kliem xejn ma' ħadd minn jeddu u jwieġeb għal xi mistoqsija fil-bogħod b'kelma jew tnejn. Xogħol tal-meħel u tar-reqqa biex ma jeħux xi għelt u jiksirha mal-*Kyrie*.

Il-*Kyrie* kien laqam ta' sid il-maħżen li kien jismu s-sur Dimitri minn Salonik.

Lis-sur Anġ kien drah kulħadd, raġel taz-zokkor sakemm ma tħabbatx, ma ssaffarx jew ma tgħajjatx maġenbu, għax jirgħex, jitfixkel u jinsa min hu u fejn hu. Waħdu u fis-skiet, kien jibqa' sejjer bla serħ ta' xejn, bħal l-arloġġ tal-mażżri li kellu jtektek quddiemu, mindu jidħol sa ma joħroġ.

Darba kien tilef is-sabar għal kollox u kien s'er jitlaq mill-maħżen għal fettuqa li ħaddieħor kien jeħodha biċ-ċajt kif kien jixraq.

Kienet inqalgħet nitfa ta' tabxa fuq tagħbija ta' skuna li ġiet bil-ħsara minn Gorfù, u s-sur Anġ kellu jiġbor ittri u kontijiet għal quddiem l-imħallef. Xogħol irqiq li ma satax isir il-maħżen qalb il-għagħa tan-nies dieħla u ħierġa.

Il-*Kyrie* li kien jaf mniex ibati s-sur Anġ qallu: "Ħu l-kotba u dak kollu li tinħtieġ u mur bil-motor tagħna fid-dar li għandi Ħal-Lija u oqgħod aħdem hemm bil-kwiet; fil-maħżen noqgħod jien."

Għoġbitu s-sur Anġ li jmur jaħdem bogħod mill-ħsejjes u telaq ferħan lejn Ħal-Lija. Dar sabiħa, imwarrba, f'misraħ ċkejken; nies ftit u ħsejjes ta' xejn.

Għażel kamra b'tieqa kbira għad-dawl u għall-frisk miftuħa fuq kantuniera quddiem ġnien tal-larinġ mal-ħajt l-ieħor.

L-ewwel ġurnata mar ħarir u x-xogħol mexa bħal ma xtaq hu.

Il-għada, mad-disgħa ta' fil-għodu, waqaf taħt it-tieqa raġel bil-karrettun tal-ħmar u f'dak is-skiet kollu fetaħ ħanġra daqsiex igħajjat: "Għadam u ċraret—ram u ħadid min għandu"--"Għadam u ċraret—" waħda wara l-oħra.

Is-sur Anġ xiref malajr mit-tieqa u qallu: "Bil-mod, ħabib. Tridx tmur tgħajjat band'oħra! Jien u la għandi għadam u lanqas ċraret; tista' tibqa' sejjer, għax qiegħed tfixkilni."

—Lilek kont nistenna dal-għodu! — qal tal-karrettun —jien bil-għajjat irrid indabbar xi sold. Ara ma' min Alla laqqagħni dal-għodu!—u beda jrodd is-slaleb u minnufih tefa' żewġ għajtiet oħra: "Għadam u ċraret · Għadam u ċraret—"

Is-sur Anġ ħabat jitlagħlu, imbagħad ra li ma' nies bħal dak ma kienx jieħu palju bil-kliem, ftakar kemm kellu x'jagħmel u ħaseb li jieħdu bil-ħelu.

—Ara xbin,—qallu,—ma għandix żmien x'nitlef neħodha miegħek. Aqbad xelin u ibqa' sejjer.

—Hekk irrid—qal l-ieħor—issa tkellimt ta' sinjur li int. Newwel ix-xelin u ma taranix qabel għada. — Tefa' x-xelin fil-but tas-sidrija, ta daqqa lill-ħmar fuq ingropptu u telaq ħelu, imgħoxxi bid-daħk.

Is-sur Anġ kollu ħieni li ħeles ħafif minn dak iċ-ċakkal raġa' qabad igħodd u jħażżeż. Ma kienx tbiegħed ħamsin qasba wara li dâr il-kantuniera li dak tal-għadam ma ltaqax ma' ħatnu ġej bil-lajma kollha jinbotta karru għoli b'rota mal-ġenb iddur fuq ħabel u jgħajjat: "Imqassijiet u skieken għat-tiswija min għandu"—

—Tgħajjatx, xbin,—qallu għax hawn sinjur tqajjimlu t-tfal. Dak raġel fonqla, xbin, ara rasek minnu,—u waqaf u qallu xi ġralu u kif xoroblu xelin bla taħbit xejn.

—Dan mnejn inqala'? Qatt ma rajtu. Fejn joqgħod?

—Hemm kif tikser il-kantuniera, dik id-dar bil-persjani ħodor, għaddilu mogħdija, jew jaqsamlek rasek jew iħallsek biex jeħles minnek.

Malli resaq lejn il-kantuniera fetaħ kemm gargi kellu: "Imqassijiet u skieken għat-tiswija min għandu". Għajta rqiqa ta' serduk xieref, irqiqa u twila li ttaqqaqleb widnejk.

Is-sur Anġ ma damx ma joħroġ rasu mit-tieqa wiċċu mbergħen, ixejjer idu 'l barra.

—Hawn ġejt tgħajjat, ħabib? Xejn ma għandi x'in-sinn u l-għajjat iweġġagħli rasi u jfixkilni fix-xogħol, għal-hekk tbiegħed minn hawn għall-erwieħ.

—Bil-mod, sur E—Jien ma' ġejtx għalik dal-għodu. Hawn għandi ħafna parruċċani jistennewni darba fix-xahar u jekk

ma ngħajjatx ħadd ma jkun jâf li wsalt.—U raġa' qabad il-għanja: "Imqassijiet u skieken"...

Demmu tala' għal rasu, is-sur Anġ, imma kif teħodha ma' nies bħal dawn? "Mill-ieħor ħlist b'xelin, naraw ma' dan kif immorru?" qal bejnu u bejn ruħu.

—Xbin—qallu—hawn xelin għalik jekk tibqa' sejjer u tgħajjat fejn ma nisimgħekx.

—Ħelwin intom in-nies tal-belt, kull fejn tkunu jsir tagħkom. Sejjer, mhux għax-xelin li semmejt imma nara li int demmek spont u jien ma jeniex tal-ġlied—Newwel ħa mmur.

Sa ma ġieblu x-xelin qabad jirfes il-lasta u jdawwar ir-rota l-kbira, sikkina fuq l-imsenna, bl-ilma jqattar fuqha mill-bott tal-landa, u x-xrar tan-nar jittajru minn taħt ix-xafra bejn idejh.

Malli ħa x-xelin qabad jinbotta l-karru, wiċċu b'nofs daħka u jimxi u jħares lura, għax il-qejda li biha webblu ħatnu għoġbitu. Ma kull min itlaqa' dak in-nhar semma xi ġralu u xandar mar-raħal lil dak is-sinjur tat-tieqa rasu ħelwa, imma galantom għax iħallas.

Is-sur Anġ li kellu għal darbtejn jerħi minn idejh u jarġa' jibda x-xogħol mill-ġdid beda jaħseb li din id-dar barra mill-belt ma kinetx wisq aħjar mill-maħżen għal dak li kien serħan tal-moħħ. Ma damx jaħseb wisq għax għajta ta' barri fit-trieq reġgħet ħarġitu fit-tieqa.:

"Tal-Mellieħa t-tonn—Sorra u tonn—Għajnu ħamra t-tonn—Min jixwi ratal tonn..."

—Trid naqtagħlek ratal sorra?—staqsieh malajr il-bejjiegħ malli rah fit-tieqa.

—Le, ma rridx u la tonn u lanqas sorra, jekk tibqa' sejjer inkun nafhulek.

—Mita nara li ma hemmx bejgħ fit-trieq jekk jidhirli mmur. Bla għajjat ma nbiegħx, sinjur.—Is-sur Anġ ma riedx joħroġ xelini aktar għax dawk minn butu. Daħal mit-tieqa u għalaq il-persjani bil-herra f'wiċċ dak tat-tonn u wara ftit għalaq b'tisbita l-bieb u ħareġ il barra, biex iderri u jeħles minn dak ir-rgħajjeb.

Ġera ġirja mar-raħal u raġa' lura wara xi nofs siegħa bil-biża' li ma jinbitx xi għawġ ieħor.

Tat-tonn kien mar u hu raġa' ntasab quddiem il-mejda jikteb—Ma damx balleċ !! Il-ħarira kienet ġriet. Waqaf taħt it-tieqa sabi daqsiex bil-karrettun tal-ħaxix. Waħħal il-keffa ta' idu l-leminija ħdejn ħalqu u beda għajta wara l-oħra: "Ta'l-Imdina l-bajtar—ara fommu bil-għasel il-bajtar,—min jieħu ratal bajtar."

Is-sur Anġ xiref malajr u sab il-bejjiegħ b'wiċċu daħkani jħares lejh b'żewġ bajtriet f'idu—"Niżinlek wiżna, sur E?" Intebaħ malajr li dak il-misħut kien mibgħut minn xi ħadd, u li kien ġie għax-xelin u mhux biex ibigħ il-bajtar.

—La tbegħli xejn ħabib għax ħiereġ.— Sakkar it-tieqa kollu mriegħex, sabbat il-bieb u telaq lejn il-belt.

Huwa u ħiereġ jilmaħ ġej wieħed bil-brinġiel, kannestru kbir fuq ġenbu tax-xellug, bil-lemin iferfer lil tal-bajtar u jgħajjat b'leħen ta' xaqfa: "Ara x'kull brinġiela għandi—tal-ħajjata l-iswed"... Għaġġel biex jilħaq lis-sur Anġ imma dan baqa' sejjer iżejjer dirgħajh bil-kappell lura u wiċċu xrara nar.

Kif wasal il-belt ma jafx. Il-Kyrie baqa' mistagħġeb jarah quddiemu.

—Kif? Kollox lestejt?

—Bil-kemm għadni bdejt,· u kollu mdagħdagħ qal xi ġralu.

Il-Kyrie xtaq jifgah imma wera li fehmu u għadru imbagħad qallu:

—Sur Anġ naħseb li l-aħjar li tagħmel għandna dik il-kamra battala fuq il-bejt bl-imbarazzi u l-kaxex. Qabbad lil Pawlu naddaflek rokna u jġiblek kull ma jidhirlek. Hemm ma għandekx biża' li xi ħadd ifixklek.

F'kemm ili ngħidlek dak li ried il-Kyrie sar, u s-sur Anġ ferħan ser itir għax hemm fuq u la nies u la ħsejjes. Ftit għabra, ħafna nsiġ tal-għanqbut fis-saqaf, riħa ta' moffa u ta' għeluq li taqsam imma waħdu u fil-kwiet. Bil-kemm kienet tasal it-tisfira tal-laneċ jew ta' xi vapur għaddej fil-port!

Fil-għodu kmieni rikeb fil-motor tal-Kyrie u mar Ħal-Lija jiġbor il-karti u l-kotba li kien ħalla. Oħroġ il-għaġeb tal-għadam u ċ-ċraret kien bil-qiegħda fuq il-għatba jistenna; imma s-sur Anġ ma ħareġx xelini iżjed.

(Minn *Leħen il-Malti*—1932)